**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**KONTINWAZZJONI TA' AGENDA NUMRU 36 – 16 ta' Settembru 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u tkompliet Agenda 36.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | George Cortis | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda rapprezentant tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

Is-Sindku Alfred Grixti pogga fuq il-mejda kopja ta' rapport preparat minnu dwar iz-zjara li saret f' Agira.

**2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI (cont/…)**

2.10.1. Is-Sindku Alfred Grixti ta' rendikont tal-laqgha li saret mal-WSC dwar Triq il-Buskett. Huwa spjega li d-drenagg ha jsir fuq iz-zewg partijiet tat-triq, kemm fejn hemm ir-razzett ta' missier il-Kunsillier Emanuel Agius, kif ukoll fejn qieghed jizviluppa propjeta Lippu tal-Attrans. Is-Sindku kompla jispjega li fil-laqgha rrizulta li l-WSC kienet se thallas ghat-trinka tad-drenagg u l-parti tat-tarmac ta' fuqha, liema parti wara li giet mahduma mill-perit tal-kunsill flimkien mal-perit tal-kuntrattur tammonta ghal

madwar €11,600, liema somma hija vicin hafna ghal dak li l-Kunsill qieghed jintalab ghal mains.

2.10.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li l-Kunsill hawnhekk tilef l-okkazjoni li jsostni l-punt li hekk kif fil-kaz tad-drenagg ikkonfermaw li x-xoghol huwa taghhom u se jhallsu ghalih, l-istess ghandhom jaghmlu fil-kaz tal-mains tal-ilma. Il-Kunsillier Cortis kompla jghid li hawn is-Sindku qieghed ihares lejn il-budget u mhux il-principju.

2.10.3. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar ikkummenta li la l-Kunsill mhux se jonfoq iktar flus minn dak li ppjana, peress li l-flus ghat-tarmac se jkopru bejn wiehed u iehor dawk tal-mains, huwa jaqbel li l-Kunsill jiffirma l-ftehim mal-WSC sabiex jibda x-xoghol kemm jista jkun malajr.

2.10.4. Il-Kunsillier Rosario Cortis wiegeb li l-Kunsill ghandu jaghmilha cara izda li qieghed jiffirma bla ebda pregudizzju ghal progett tal-PPP.

2.10.5. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-pass li jmiss kien li l-Kunsill jiffirma l-acceptance letter tax-xoghol mal-WSC. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li ghalkemm is-somma ta' €12,000 tal-mains ha tkun koperta b' dak li jiffranka l-Kunsill fuq it-tarmac, eventwalment dan l-ammont xorta jrid jithallas lill-WSC, filwaqt li is-somma ta' madwar €11,600 tat-tarmac il-Kunsill jiffrankaha mill-kont tal-kuntrattur li jithallas mill-WSC.

2.10.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius dahal fis-7.10pm.

2.10.7. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li jkun ahjar jekk wiehed jistenna l-laqgha mal-ministri ghax ihoss li kien ghadu prematur biex jittiehed vot.

2.10.8. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-Kunsill ma jistax jibqa jittratjeni fuq din it-triq u fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill mhux se jhallas aktar milli kellu ppjanat, imexxi u jiffirma l-ftehim mitlub filwaqt li jaghmilha cara li qieghed jiffirma bla pregudizzju ghat-toroq taht il-PPP. Is-Sindku ammetta li din ma kienitx l-iktar soluzzjoni felici izda l-iktar wahda prattika.

2.10.9. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex bil-kundizzjonijiet mressqa l-Kunsill jiffirma l-ftehim mal-WSC u jinbeda x-xoghol ghal gid tar-residenti u flimkien mal-acceptance letter issir covering letter fejn il-Kunsill jaghmilha cara li dan il-ftehim ma jippregudika bl-ebda mod il-posizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tat-toroq li ha jsiru bl-iskema tal-PPP. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Dominic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Joe Ciantar u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Il-Kunsilliera Emanuel Agius u Rosario Cortis

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (57).

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tresset l-ebda korrispondenza ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kien ghad fadallu japprova l-pagamenti mressqin taht skeda B tal-vot tal-flus.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 36** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 34/2010 | 30/08/10 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Awissu 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 670 | 30/08/10 | 3,688.17 | Knis Awissu 2010 |
| Roccu Mifsud | 55 | 28/08/10 | 886.66 | Public Conveniences Awissu 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/08/10 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Awissu 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 26/08/10 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Awissu 2010 |
| Med Design | 30004397 | 24/08/10 | 1,460.00 | Architect Fees - preparation of tender documents PPP |
| Mica Med Ltd | various | various | 3,801.88 | Streetlighting maintenance |
| Lawrence Cassar | 234 | 21/06/10 | 6,500.00 | Tizjin tal-Milied |
| Doris Cutajar | n/a | n/a | 279.84 | Librarian July 2010 |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **27,696.56** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Emanuel Galea | 17 | 24/08/10 | 35.00 | Hire of transport - Harga Grupp tad-Djakonija |
| Coop Services Ltd | 100610 | 30/06/10 | 60.00 | Hire of transport disabled Jum l-Anzjani festa |
| Lawrence Cassar | 235 | 21/06/10 | 1,750.00 | Tizjin Nightfest |
| Kazin Banda San Filep | 62 / 2010 | 16/04/10 | 200.00 | Advert |
| Joe Bonnici & Sons | 5163 | 20/08/10 | 325.09 | Hire of mobile toilets Festa St Marija |
| Joe Bonnici & Sons | 5087 | 23/07/10 | 476.13 | Hire of mobile toilets Festa San Guzepp |
| Parocca Haz-Zebbug | n/a | n/a | 300.00 | Kiri tas-sala; reception festa, attivita anzjani, press conf. |
| Wilson Mifusd | n/a | 28/08/10 | 1,500.00 | Road Paint |
| Allied Newspapers | ASI412079 | 27/08/10 | 120.60 | Advert PPP |
| Big Exhibits | 3435 | 31/08/10 | 979.40 | Stands and Printing Press Conference |
| Kullegg Sant Injazju | n/a | 05/07/10 | 35.00 | Programming of new security codes - korsijiet etfal |
| Director Civil Protection Dept | 74/2010 | 04/08/10 | 396.56 | Hire of fire Engine Festa San Filep |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Guard & Warden | 2319 | 31/07/10 | 940.68 | Monitoring pjazza July 2010 |
| Guard & Warden | 2318 | 31/07/10 | 3,851.92 | Speed Cameras July 2010 |
| Guard & Warden | 2273 | 31/07/10 | 158.40 | Hire of warden festa San Guzepp |
| Superior Ironmongery | various | various | 618.26 | Ironmongery items |
| Uniking | C1810 | 08/06/10 | 827.00 | Mirrors |
| Go plc | 24148011 | 13/08/10 | 20.17 | telephone bills |
| Go plc | 24148056 | 13/08/10 | 185.31 | telephone bills |
| Go plc | 24148136 | 13/08/10 | 58.22 | telephone bills |
| Cental Joint Committee | CJC295 | 31/07/10 | 5,611.54 | Tribunal services July 2010 |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **18,449.28** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **46,145.84** | |

4.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li issa li l-maggoranza tal-pagamenti tan-Nightfest gew approvati, jitressaq rapport finanzjarju.

4.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghal-fatt li l-kontijiet tal-Guard & Warden u l-Kumitat Kongunt dejjem jghollew. Il-Kunsillier Joe Ciantar irrimarka li fl-Ingilterra, l-Kunsill ta' Dorset kien nehha l-speed cameras ghax kien qieghed jaghmel it-telf minnhom.

4.4. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif jinhadmu l-kontijiet tat-kumitat kongunt.

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-camera tal-pjazza m' ghadiex taghti qliegh ghax il-parkegg tranga b' mod konsiderevoli u ghalhekk ma kienx ihoss li ghandu jnehhi l-camera halli ma jintbaghatx il-messagg li jista jerga jibda l-ipparkjar bl-addocc.

4.6. Is-Sindku ccara mistoqsijiet fuq il-pagamenti ta' Big Exhibits u l-Kullegg Sant' Injazju.

4.7. Il-Kunsillier Rosario Cortis ressaq suggeriment sabiex il-monitoring tal-pjazza jonqos minn 30 ghal 20 gurnata. Hekk il-kunsill ikun qieghed jiffranka l-flus filwaqt li jkompli jzomm l-ordni fil-pjazza. Kien hemm qbil dwar dan.

4.8. Il-Kunsillier Rosario Cortis ressaq mozzjoni sabiex skeda B tigi approvata hekk kif prezentata. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Dominic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati (58).

## 6. HRUG TA' TENDERS

6.1.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kien hemm bzonn li tinhareg sejha ghal kwotazzjonijiet ghat-tindif tal-culverts u l-process ghandu jigi mhaffef ghax kien diehel l-istagun tax-xita.

6.1.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius issuggerixxa li minflok joqghodu jinhargu dawn it-tenders kollha l-kunsill ghandu jimpjega zewg haddiema extra li jaghmlu x-xoghol huma. Il-Kunsilliera Joe Ciantar u Duncan Bartolo kkummentaw li xorta jkollok spiza ghall-ghodda u l-makkinarji.

6.1.3. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li jinhareg avviz ghal-kwotazzjonijiet li jaghlaq il-gimgha l-1 ta' Ottubru. Il-kwotazzjonijiet jinfethu dakinhar stess u x-xoghol jigi assenjat fil-laqgha tas-7 ta' Ottubru. Kien hemm qbil dwar dan.

6.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li jhoss il-bzonn li l-Kunsill ikollu persuna li tkun kapaci tirreklama l-hidma tal-Kunsill u tikkordina l-attivitajiet li jigu organizzati. Is-Sindku kompla jghid li hafna drabi dan ix-xoghol jaqa' fuq is-segretarju. Huwa qal li fis-sena li gejja kien se jkun hemm ghaddejjin zewg attivitajiet kbar, in-Nightfest u l-attivitajiet relatati ma' Dun Karm Psaila. Is-Sindku spjega li trid issir hidma akbar biex titressaq lejn il-poplu dak li qieghed jaghmel il-kunsill ghax il-magazine u l-website ma kienux bizzejjed.

6.2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk hemm'x xi terms of reference ghal din il-kariga.

6.2.3. Is-Sindku spjega li meta ghamel ricerka sab li studenti li ghadhom hergin mill-universita li jahdmu f' dan il-qasam jircievu pagi ta' bejn €20,000 u €30,000 u zgur ma kienx lest li jhallas dawk il-flejjes. Ghalhekk kien qieghed jipproponi li jinhareg tender u l-Kunsill jevalwa x' offerti jircievi. Is-Sindku spjega li hu jixtieq li l-persuna li tintghazel tintalab taghmel marketing audit u marketing plan u tispjega kif se tatwah.

6.2.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li s-sena l-ghaddiet in-NightFest kienet diga giet gholja mhux hazin minghajr ma sar hafna marketing u jekk ha jizdied il-marketing ha jkomplu jikbru l-ispejjez. Il-Kunsillier Agius qal li hu tal-opinjoni li l-kunsill jimpjega persuna ohra li fost ir-responsabiltajiet taghha jkun hemm dawn l-affarijiet.

6.2.5. Il-Kunsillier Mario Borg issuggerixxa li jingieb espert jew jinhadmu terms of reference ghal dan ir-rwol sal-laqgha li jmiss tal-kunsill sabiex il-Kunsill ikun jaf ghal xiex inhu diehel. Kien hemm ftehim li l-Kunsill jimxi fuq is-suggeriment tal-Kunsillier Borg li kien se jiehu hsieb jaghmel dan. Tressaq is-suggeriment li l-espert maghzul ma jinghatax id-dritt li eventwalment jitfa tender sabiex ma jinholoqx kunflitt ta' interess.

## 7. TOROQ – PROJECT MANAGER

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li fis-sentejn li gejjin il-Kunsill se jkun ghaddej b' diversi progetti ta' toroq fosthom Triq il-Buskett, Vjal il-Helsien u t-toroq tal-PPP. Dawn il-progetti huma kollha marbutin b' deadlines stretti li l-Kunsill irid izomm maghhom. Ghalhekk kien qieghed jipproponi li l-Kunsill jimpjega Project Manager li xogholu jkun li jissorvelja l-hidma tal-kuntratturi u jara li l-progett miexi skond il-pjanijiet tal-Kunsill u jkun il-holqa ta' bejn il-kuntrattur u l-kunsill.

7.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li l-project manager ghat-toroq huwa l-perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Ciantar qal li l-Kunsill irid joqghod attent li ma jinholoqx kunflitt mal-kuntratt tal-perit. Il-Kunsillier Duncan Bartolo qabel mal-Kunsillier Ciantar.

7.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kull progett kbir ikollu project manager li jkun il-hin kollu on site. Huwa spjega li fl-opinjoni tieghu il-persuna maghzula tigi mpjegata fuq kuntratt definit ghal sentejn u tithallas minn dawk il-5% management fee li tezisti fuq it-tenders.

7.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar wiegeb li staff fl-ufficju ghandna tnejn u nghidu li ma naffordjawx nimpjegaw lil xi hadd iehor u ghal project manager flus hemm.

7.5. Is-Sindku wiegeb li ghal bidu din il-persuna tkun il-link bejn il-kunsill u l-kuntrattur u jekk jimpressjona fir-rwol tieghu r-responsabilta tista tigi estiza fuq kuntratti ohrajn.

7.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius semma li fit-toroq l-ohrajn li saru dan ix-xoghol kien isir mis-segretarju u l-impjegat tal-IPSL Bernard Buhagiar.

7.7. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li qabel jiehu vot irid ikun cert li m' hemmx kunflitt mal-kuntratt tal-perit.

7.8. Il-Kunsillier Emanuel Agius saqsa lis-Sindku ghal liema raguni kienet qed issir daqshekk pressjoni la kien hemm min kien qieghed juri li kellu xi dubji.

7.9. Wara diskussjoni kien hemm qbil li d-diskussjoni tkompli fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Ciantar nforma lill-Kunsilliera bil-harga tal-anjzani li kien hemm ippjanata ghal Ghawdex. Il-Kunsillier Ciantar spjega li fil-prezz ma kienx hemm inkluza zjara fuq il-kampnar tal-knisja tax-Xewkija. Huwa spjega li l-prezz kien ta' €2 kull persuna u staqsa jekk il-Kunsill kienx lest jiffinanzja din l-ispiza. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiffinanzja l-ispiza msemmija.

Il-laqgha spiccat fid-9.40pm. Il-laqgha giet aggornata ghal nhar il-Hamis 23 ta' Settembru 2010 fis-6.30pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv